*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 24**

**It-Tnejn 18 ta' Mejju 2026.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-5.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**24.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t' apoloġija tal-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud u l-Kunsilliera s-Sinjura Beverly Saliba.

**24.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 23 li saret Nhar it-Tnejn 13 ta' April 2026:***

**24.2.1** **Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 23 li saret Nhar it-Tnjen 13 ta' April 2026:**

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Is-Sindku ipropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

24.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 23 li saret Nhar it-Tnejn 13 ta' April 2026:**

24.2.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 paragrafu 22.2.2.1 rigward il-latrina ta' San Tumas fejn qal li din tlestiet u huwa tal-fehma li jkun hemm attendant magħha.

Is-Sindku qal li talab lil Ministru ikkonċernat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri satqsa jekk hux ser jsir *handover agreement* u qal illi qabel ma jiġi ffirmat għandhom jgħaddulna t-*techincal specs* peress li saru ħafna tibdiliet.

Is-Sindku wieġbu li rċevejnih u wara li nifluħ irridu niffirmawh.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li fejn hemm ix-*shower* saret tarġa għolja u hemm bżonn li ssir tarġa oħra taħta u anke fuq il-blat meta tiġi biex tinżel isfel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-kamra tar-*red cross* hux ser tkun responsabilita tal-Kunsill

24.2.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 paragrafu 23.2.2.2 rigward jekk sarietx il-laqgħa ma' tal-ħwienet.

Is-Sindku wieġeb li iltaqgħa magħhom u l-problema ssolviet.

24.2.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 23.2.2.3 rigward jekk tfajniex il-ħamrija li kellna nitfu fil-funtana.

Is-Sindku wieġbu li għadu ma għamiliex.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li importatni li qabel ma jitfa l-ħamrija jridu jsiru d-*drains* tal-ilma.

24.2.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 23.2.2.5 rigward il-problema tad-drenaġġ taż-Żonqor.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-każ magħluq u l-operatur tal-pixxina huwa kuntent bis-sitwazzjoni.

24.2.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 23.2.2.6 rigward il-pompa tal-maghluq.

Is-Sindku qal li qed taħdem.

24.2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 23.2.9 rigward l-applikazzjoni tal-*cat cafe*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser tiġi diskussa iktar il-quddiem.

24.2.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 paragrafu 23.3.8 rigward Jum Marsaskala għaliex fil-passat kellna regolamenti.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jaħdem flimkien mal-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

24.2.2.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 paragrafu 23.2.2.3 rigward il-funtana ta Ġnien Sant Anna u informa lill-Kunsill li issa qed taħdem.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri daħlet għal laqgħa fis-5.20pm***

- ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi l-Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti u l-korrispondenza***

24.8 ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 24:</u>***

24.8.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud Staqsa fuq pagament 8260 u 8295 jekk hux imħallas doppju.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser niċċekkjaw.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

24.7 ***<u>Korrispondenza:</u>***

24.7.1 **<u>Marsaskala Renewal The Note Book Centre (35/1467/26/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsilliera illi skond informazzjoni pprovduta min-Notebook Centre kien hemm 'l fuq minn 500 resident li użaw dan is-servizz f'sena.

Kien hemm qbil li nerġu nġeddu l-kuntratt.

24.7.2 **<u>Request for Guidance and approval Proposed Cat Cafe at Family Park Marsaskala (35/1471/26/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Viċi Sindku mhux qeda preżenti però qara l-komunikat tal-Project Green, fejn qalu li jistgħu jikkunsindraw fil-futur din l-proposta però mhux qed jaqblu li issir f'din l-iskema.

Kien hemm qbil li jekk l-Viċi Sindku issib post alternattiv jitkellmu bil-whats up, jintlaħaq ftehim umbgħad tiġi diskussa fil-laqgħa ta wara.

24.7.3 **<u>Patrick Guntrip vs L-Awtorita tal-Ippjanar (35/1267/26/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-appell ġie defirit għal 20 ta' Ġunju u stieden lil Kunsillier Dr Errol Cutajar sabiex jispjega aħjar.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar li din l-appell kien hemm diġà pronunċjament mill-qorti kostuzzjonali li kienet ingħata fit-30 ta' Ottubru 2025, fejn ġa kien ġie iddikjarat fl-ewwel smigħ li kien hemm, il-qorti ġiet iddeċidiet eċċezzjoni preliminarja li tqajment mill-

applikant illi ma setax jappella u l-qorti bi żvista qabdet u iddeċidiet kollox anke il-mertu tal-appell. Huwa kompla jispjega illi fil-qorti kostizjonali anke wara li kien sar *re trial* ukoll ma ntalaqtx, il-qorti kostizzjoni qalet illi smih xieraq ma ingħatalux għaliex l-ewwel il-qorti kellha titratta l-ewwel eċċezzjoni preliminari u allura l-atti reġgħu marru lura lil qorti tal-appell u dan iffissier li ser jerġa jibda kollox mill-bidu nett. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu minħabba spejjeż ġudizjarji ulterjuri huwa jaħseb li għanda nikkunsidraw li dan l-appell jieqaf hemm u jiġi irtirat.

Kien hemm unanimu li l-Kunsill jirtira dan l-appell. Is-Sindku ppropona li dan l-appell jiġi irtirat u l-Kunsillier John B Camilleri issekonda.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar ħareġ mill-laqgħa fil-5.30pm***
- ***Il-Viċi Sindku Janice Falzon daħlet għal-laqgħa fil-5.30pm***

24.3 ***Kommunikazzjoni mis-Sindku:***

24.3.1 ***Festa Tonn:***

Is-Segretarju Eżekuttiv beda jispeja illi b'differenza mis-sena l-oħra fejn il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sabiex issir din l-attivita` peress li kienu talbu biss in-*no objection*, din is-sena l-attivita` ser issir bil-kollaborzzjoni mal-kunsill iġifieri li ser jkun hemm spejjeż involuti. Huwa qal li bħala Kunsill ser nieħdu ħsieb il-puluzija u trasport pubbliku.

Kien hemm diskussjoni fejn ser issir peress din l-attivita` , peress li l-ewwel għażla kienet fi Triq ix-Xatt iżda min]abba li ma nafux jekk dik il-parti tal-promenade hux ser tkun lesta allura din l-attivita` l-aħjar issir fi Triq is-Salini sa Jacob's Brew.

Kien hemm qbil sabiex nikkomunikaw mas-Segretarjat sabiex naraw jekk jistgħux jarmaw l-istalls fuq il-promenade u ma tingħalaqx it-triq.

24.3.2 **Rimbors lil Grupp Armar Festa San Anna tal-coronation candles:**

Kien hemm qbil li jingħata ir-rimbors ta' €246.38

24.3.3 **Art vojta bejn Triq l-Iskal u Triq il-Qrempuc:**

Din ser tiġi mressqa għal-laqgħa li jmiss peress li l-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba hija assenti.

24.3.4 **PA/03109/26 74 Garage 6A Triq Sant Antnin and abutting Triq l-Iskal Marsaskala proposed alterations to garage to form ventilation through Public paviment:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan qed jitlob sabiex issir gradilja fuq il-bankina sabiex jkollu ventilazzjoni għal garaxx.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni ħlief li jġib il-permessi kollha neċessarji, l-gradilja ma tkunx ta' impediment għal persuni bil-wheelchair u pushchair u l-mantenunzjoni tkun responsabilta tiegħu, kif ukoll responsabilta ta' dħul tal-ilma tax-xita fil-propjeta tiegħu.

24.3.5 **Marsaskala Council AED( 35/1435/26/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri spjega li meta tkellem mat-Technoline issuġġerixxew li għal kobor ta lokal tgħana hemm bżonn ta' 5 AED's. Huwa kompla jispjega li wieħed isir fi Pjazza Mifsud Bonnici u sid s-Summer Nights offra li għandu camera disponibbli li tista tgħati fuqha, oħra ħdejn il-latrina tal-Jerma, oħra ħdejn il-knisja (li diġà qeda hemm imma trid tinbidel il-batterija u xi affarijiet oħra), oħra San Tumas fejn il-Viċi Sindku offriet ukoll li camera għal fuqha mil-istabilment tal-familja tagħha u oħra fi Ġnien Alfred Debono. Huwa qal ukoll li hemm oħra imma qeda fil-clinic ġewwa.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal li dawn jiswew madwar €2500 u €3000 il-waħda, huwa qal li diġà tkellem mas-Segreajru Eżekuttiv, fejn infurmah li ma nistgħux ngħamluhom kollha f'daqqa. Huwa qal li huwa xtara waħda personalment u ser jgħatiha l-Kunsill illum stess u ser titpoġġa fi Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsilliera irringrazzjaw lil Kunsillier John B Camiller għal dan il-ġest.

Is-Sindku qal li hemm possibilità li jġib waħda huwa bħala *sponsorship* min-naħa tal-Għaqda ta' ħbiberija bejn Malta u Ċina.

Kien hemm diskussjoni li nitolbu l-MTA jekk jistgħux jisponsorjaw waħda huma peress li hija blue flag u min-naħa tal-Kunsill jirranġa li diġà hemm u tinxtara oħra.

Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huma offrew ukoll dimostrazzjoni ta' kif tintuża.

24.3.6 **Sleeping policeman Triq il-Blajjiet ma Triq iż-Żonqor:**

Il-Viċi Sindku qalet li kien hemm xi resident li talab sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Blajjiet fil-parti t'isfel.

Is-Sindku qal li din konna tlabnija u kienet ġiet rijutata.

Kien hemm qbil illi naraw li hemm stop sign u stop road markings ukoll.

24.3.7 **N/s Triq il-Qaliet (faċċata ta' JS Ironmongery):**

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal li il-vetturi ġejjin minn quddiem il-Jerma qed jibqu ħerġien fi Triq il-Qaliet fit-triq li għada bla isem, qed jkun ħafna inċidenti serji u anke qed jidħlu fil-faċċati tan-nies. Huwa qal li talbu ukoll sabiex issir *crash barrier* quddiem din ir-residenza.

Il-Kunsill qabel li ma tistax issir *crash barrier* għaliex ser jinħoloq preċedent pero fin-n/s in Triq il-Qaliet issir stop sign u accident black spot u anke stop road markings.

24.3.8 **Laqgħa Latrina San Tumas:**

Is-Sindku qal li kellhu laqgħa mal-Perit Bonanno fuq il-latrina ta San Tumas.

24.3.9 **Avveniment Girl Guids.**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsilliera attendew l-avveniment li għamlu l-girl guides

24.3.10 **Skultura miċ-Ċina:**

Is-Sindku qal li għaddej fuq il-proċess sabiex inġibu l-iskultura miċ-ċina għaliex tinvolvi ħafna xogħol.

24.3.11 **Artil fil-beraħ:**

Is-Sindku qal li l-istalls ser jisewew €900 u anke irridu nħalus għas-security.

24.3.12 **AGM Douzelage 2026:**

Is-Sindku qal li attenda press conference fuq il-fondi tas-SEM rigward din l-attivita

Is-Sindku qal li kellhu laqgħa flimkien mas-Sinjura Rebecca Micallef u Claire Attard minħabba il-merchandise tad-Douzelage

Is-Sindku qal li kien hemm laqgħa mal-Kunsillier Celine Camilleri u Joy sabiex fasslu l-programm taż-żgħażagħ u anke laqgħa mal-Kunsillier Charlot Mifsud fuq il-prgamm tal-edukazzjoni.

Is-Sindku qal li kien hemm laqgħa ukoll mal-*girl guides* minħabba il-parteċipazzjoni tagħhom fil-AGM fl-ewwel ġurnata

24.3.13 **<u>President Douzelage</u>**

Is-Sindku qal li ġie il-President tad-Douzelage flimkien mal-Viċi tieghu fejn ilqajnihom u wassalnihom l-ajruport u anke l-Kunsillier Charlot Mifsud dawwarnihom ftit mal-lokal kif ukoll l-iskejjel u lukandi fejn il-delegati ser jiffrekwentaw meta ser iżuruna f'Settembru.

Huwa qal ukoll li flimkien mal-Kunsillier Charlot Mifsud diġa laqgħu grupp ta' studenti Polakki ieħor u ġabruhom mill-ajruport u issa ġej grupp ieħor

24.3.14 **<u>Circular Bus:</u>**

Is-Sindku informa li beda is-servizz tas-*circular bus* u anke twaħlu bus stop tagħha.

24.3.15 **<u>Bandli Alfred Debono:</u>**

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li hemm 2 *spring playing structure* imkisrien u anke kienu kissru il-bandla.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-istruttura tal-*ispring structure* għanda tajba, is-seat jrid jinbidel.

Kien hemm qbil li jinbidel is-seat biss u il-bandla teħel qoffa minfloka.

24.4 **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kienx hemm mistoqsijiet

24.5 ***<u>Rapporti:</u>***

24.5.1 **<u>Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2025 kif aġġustati mill-Awdituri:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-*financial statement* u anke l-*letter of represantation*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

24.6 ***<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>***

Ma kienx hemm items oħra

24.7.9 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

Ma kienx hemm mozzjonijiet

24.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-4.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju 2026 fil-5.00pm.

Ikkonfermat illum 18 ta' Mejju 2026.

IFFIRMAT IFFIRMAT

___________ _______________

**Josef Grech** **Mario Calleja**

**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku**